

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Thomas Gramm (Bremen, il-Ġermanja)

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-21 ta' Settembru 2011 (Każ: 4202 C) li tirriżulta fid-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni), tat-13 ta' Mejju 2013, fil-Każ R 1981/2011-4.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Trade mark Komunitarja rreġistrata li hija s-suġġett tat-talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità:* it-trade mark verbali "Nano-Pad" għal prodotti fil-klassi 17 — Trade mark Komunitarja Nru 8 228 421

*Proprietarju tat-trade mark Komunitarja:* ir-rikorrent

*Parti li qed titlob id-dikjarazzjoni ta' invalidità tat-trade mark Komunitarja:* Thomas Gramm

*Motivazzjoni tat-talba għal invalidità:* raġunijiet assoluti għal dikjarazzjoni ta' invalidità tal-Artikolu 52(1)(a) u (b) tar-Regolament Nru 207/2009

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni:* talba għal dikjarazzjoni ta' invalidità parzjalment milqugħa

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* appell miċħud

*Motivi invokati:* ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) tar-Regolament Nru 207/2009

### Rikors ippreżentat fit-2 ta' Awwissu 2013 — TVR Automotive vs UASI — TVR Italia (TVR)

(Kawża T-398/13)

(2013/C 274/40)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti:* TVR Automotive Ltd (Whiteley, ir-Renju Unit) (rappreżentanti: A. von Mühlendahl u H. Hartwig, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* TVR Italia Srl (Milan, l-Italja)

### Talbiet

— tannulla d-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) tal-14 ta' Mejju 2013 fil-Każ R 823/2011-2;

— tiċħad l-appell ippreżentat minn TVR Italia Srl fl-14 ta' April 2013 kontra d-deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni tal-UASI tal-14 ta' Frar 2011, B 313 248;

— tikkundanna għall-ispejjeż lill-konvenut, l-UASI, u lil TVR Italia Srl, li interveniet fil-kawża.

### Motivi u argumenti prinċipali

*Applikanti għat-trade mark Komunitarja:* TVR Italia Srl

*Trade mark Komunitarja kkonċernata:* it-trade mark figurattiva, li tinkludi l-elementi verbali "TVR ITALIA", għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 12, 25 u 37 — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja Nru 5 699 954

*Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjali invokat insostenn tal-oppożizzjoni:* ir-rikorrenti

*Trade mark jew sinjal invokat:* it-trade mark verbali nazzjonali u Komunitarja "TVR" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 11, 12, 25 u 41

*Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni:* oppożizzjoni milqugħa parzjalment

*Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell:* deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni annullata u oppożizzjoni miċħuda

*Motivi invokati:*

— ksur tal-Artikolu 42(2) u (3) tar-Regolament Nru 207/2009;

— ksur tal-prinċipji ta' *res iudicata* u ta' *ne bis in idem* kif ukoll tal-Artikolu 42(2) tar-Regolament Nru 207/2009 flimkien mal-Artikolu 15 tar-Regolament Nru 207/2009.

### Rikors ippreżentat fit-8 ta' Awwissu 2013 — NIIT Insurance Technologies vs UASI (SUBSCRIBE)

(Kawża T-404/13)

(2013/C 274/41)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

### Partijiet

*Rikorrenti:* NIIT Insurance Technologies Ltd (Londra, ir-Renju Unit) (rappreżentant: M. Wirtz, avukat)